**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 10** **Nhar l- Tnejn 17 ta ' Marzu, 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 5:00pm.

**Preżenti:**

- **Neville Chetcuti** – Sindku
- **Joyce Bray** – Kunsilliera
- **Martin Vella** – Kunsillier
- **Ryan Sciberras** – Kunsilliera
- **Aaron Caruana** – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- **Tania Borg** – Kunsillier
- **Conrad Borg Manche** – Kunsillier
- **Jessica Borg** – Kunsilliera
- **Ralph Mangion** – Viċi Sindku
-

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

**Mandy** Farrugia **– Segretarju Eżekuttiv**

**ASSENTI**

**Ħadd**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**10.1 – Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji**

10.1.1 Il-laqgħa nfetħet bi talba tas-Sindku Neville Chetcuti.

10.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Mandy Farrugia, ikkonfermat li waslu diversi ittri ta' apoloġiji mingħand il-kunsilliera assenti.

**10.2 – Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti**

10.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 9 tqassmu lill-membri u ttieħdu bħala moqrija.

10.2.2 Dwar punt 9.4.11 – **Waterfront Hotel**: Is-Sindku spjega li l-palm ġew ordnati iżda hemm bżonn li jerġgħu jiġu kkuntattjati l-kuntratturi sabiex jiġu pproċeduti s-siġar.

10.2.3 Dwar punt 9.4.17 – **Bandli – 3 swing seats b'katini stainless steel**: Is-sit Għandu jitwaħħal matul din il-ġimgħa.

10.2.4 Fuq proposta tal-Kunsillier Ryan Sciberras, sekondata mill-Kunsillier Aaron Caruana, il-minuti tal-laqgħa numru 9 ġew approvati.

**10.3 – Korrespondenza mis-Sindku**

**10.3.1 – Project Kubrit:**

Il-laqgħa li saret bejn ir-residenti u Project Green ma wasslitx għal ftehim. Il-Kunsillier Aaron Caruana insista li għandha ssir tfakkira oħra lill-kunsilliera. Is-Sindku qal li ġie mtella' messaġġ fuq Facebook iżda ma għandux problema li jerġa' jsir reminder. Ġie diskuss ukoll suġġeriment ta' time parking u residents only, iżda l-kunsilliera ma qablux. Is-Sindku ppropona li t-triq minn ħdejn il-hairdresser ta' Kubrit tingħalaq, Reid Street Tinsel lisfel , u Victory Street tkun traffiku niżel biss.

**10.3.2 – Tender Evaluation:**

10.3.2.1 **Embellishment f'Triq tal-Kubrit kantuniera ma' Triq Rue d'Argens**

Tinkludi żebgħa ambjentali, tisbiħ bis-siġar u impjanti, u sistema ta' irrigazzjoni awtomatika. Wara l-evalwazzjoni ħareġ li l-aktar offerta konformi kien **Derek Garden Centre**, b'ammont ta' €199,703.35.

10.3.2.2 **Installazzjoni ta' soluzzjonijiet naturali fi Triq Sliema, Gżira**

Għalkemm Derek Garden Centre ġie fit-tieni post hu kien irhass wiehed li-ssottometta dokumentazzjoni kompleta (€49,086.10).

10.3.2.3 **Air Quality Stations:**

Ghall dan it- tender wieħed biss tefa l-offerta għal air quality stations b'Small Form Factor PVPowered. Lofferent kien kompletament konformi (€38,975).Il-kunsilliera qablu unanimament lijkomplu jipproċedu b'dawn it tenders.

**10.3.3 – CIR AKL 2025/024 – Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identità**

Il-Kunsill qabel li joffri dan is-servizz iżda talab aktar dettalji.

**10.3.4 – CIR AKL 2025/025 – Sistema tal-Ħlas tal-Kontijiet**

Il-Kunsill talab aktar informazzjoni dwar kif se taħdem is-sistema.

**10.3.5 – Kamra għall-Community Policing**

Il-Kunsill qed joffri kamra b'mod temporanju lil community Policing, huma jahdmu sas 7:00 PM.

**10.3.6 – Public Convenience Update**

Wara laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Public Works, ġie miftiehem li l-Kunsill joħroġ €7,000 fis-sena. Ir-responsabbiltà ser tkun taħt il-Public Works.

**10.3.7 – Triq Reggie Miller (Enemalta)**

Ix-xogħol f'din it-triq hu mistenni jitlesta bejn illum u għada. Kien proġett li sar aktar malajr milli mistenni. Il-Kunsilliera Joyce Bray issuġġeriet li t-triq tiġi maħsula.

**10.3.8 – Victory Street**

Din il-ġimgħa se tibda tiġi migrufa u jitqiegħed it-tarmac ġdid.

**10.3.9 – Triq Manuel de Vilhena**

Ix-xogħol fuq it-tarmac intemm. Issa fadal li jsiru l-bankini skont l-iskema tal

Framework.

**10.3.10 – Siġar fil-Ġnien (mir-Reġjun)**

Bil-għajnuna tar-Reġjun, ġew imħawla xi siġar fil-ġnien ġimagħtejn ilu.

**10.3.11 – BCRS – Aġġornament**

Il-magni BCRS mhux ser titqiegħed ħdejn il-pixxina kif kien ippjanat. Il-Kunsill issa qed jipproponi li titqiegħed fi Triq ix-Xatt, faċċata tal-każin.

**10.3.12 – ECAD**

Il-Kunsill aċċetta li jħallas €125 fis-sena biex jappoġġja l-kampanja kontra d-droga.

**10.3.13 – Ftehim mal-Librerija għal 5 snin**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li rċevew kuntratt li għandu jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-Librerija. Il-Kunsill aċċetta.

**10.4 – Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.4.1 Il-Kunsillier Aaron Caruana staqsa jekk jistax jerġa' jiġi kkuntattjat l-ERA, minħabba li l-boroż taż-żibel qed jerġgħu jitħallew barra mhux fil-ġurnata indikata.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-ERA qalu li huwa diffiċli li jinħarġu ċitazzjonijiet jekk ma jiġux maqbudin fil-fatt.Is-Sindku żied jgħid li s-suġġeriment hu li l-iskart jinġabar bejn it-8:00 u l-11:00 ta' filgħaxija.

10.4.2 Il-Kunsillier Ryan Sciberras staqsa dwar is-siġra fi Triq Manuel de Vilhena, jekk jistax tinbidel. Il-Kunsillier Martin Vella qal li s-siġra għadha ħajja. Dwar fanal li kien fuq iż-żuntier ħdejn il-knisja, is-Sindku spjega li dan tneħħa għax kien ta' periklu.

**10.5 – Stat ta' Finanzi**

**10.5.1 – 1st quarterly financial report**

L-Accountant, is-Sur Daniel, spjega li l-Kunsill temm il-kwarta b'surplus ta' €28,694. Il Financial Stability Index (FSI) kien ta' 35%, meqjus bħala tajjeb ħafna.

Il-Kunsilliera approvaw unanimament ir-rapport.

**10.5.2 – Unaudited financial Statments**

Il-Kunsill temm is-sena 2024 b'surplus ta' €28,700, filwaqt li fl-2023 kien ta' €70,000. Id-differenza kienet dovuta għal spejjeż legali.Is-Surplus u l-lista ta' likwidità jingħataw fil-paġna 21 tar-rapport.

**10.6 – Skemi**

**10.6.1 – SPI.SCI.03.2025 – Inizjattiva "Lokalitajiet Aktar Nodfa"**

Il-Kunsill ser jieħu sehem. Għandha ssir attività ta' tindif tal-baħar u madwaru, kif ukoll se jinxtraw Ballot Bins biex in-nies jarmu s-sigaretti b'mod responsabbli. L-attività ser issir fil-12 ta' Settembru 2025. Il- kunsill qabel.

**10.6.2 – SPI.SCI.04.2025 – Espressjoni ta' Interess – Milied 2025**

Ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**10.6.3 – SPI.SCI.05.2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament tal-Karnival 2026**

Ser tiġi diskussa fid-17 ta' Ġunju 2025.

**10.6.4 – SPI.SCI.06.2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri**

Diskussjoni skedata għat-24 ta' Ġunju 2025.

**10.6.5 – SPI.SCI.07.2025 – Finanzjament għal Komunitajiet Aktar B'saħħithom**

Diskussjoni skedata għall-laqgħa li jmiss.

**10.6.6 – SPI.SCI.08.2025 – Skema "Tagħna Tfal – Ulied il-Kunsilliera"**

Applikazzjoni skedata għall-ġimgħa tat-28 ta' Marzu 2025.

**10.7 – Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

L-iskeda numru 6/9 ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsillier Ryan Sciberras,

sekondata mill-Kunsilliera Joyce Bray.

**10.8 – Tmiem il-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-6:35 PM.Is-seduta li jmiss ser issir nhar l- Erbgha , 23 ta’ April 2025, fid-5:00 PM.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekutti |